Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri - Għawdex)

Imhallef Onor. Dr Anthony Ellul B.A. (Hon.) Pub. Admin. LL.D.

Seduta tal-lum 16 ta' Frar 2018.

Appell numru: 58/2016 AE

**Ryan Norman Sanders (appellant)**

**vs**

**Ministeru tal-Finanzi**

**(appellat)**

1. **Din il-kawża tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk il-vettura tar-rikorrent tikkwalifikax għall-eżenzjoni mill-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni.**

2. Permezz ta' ittra datata 29 ta' Lulju 2016[1], il-Ministru Għall-Finanzi (*Transfer of Residence Exemption Board*) informa lil Ryan Norman Sanders illi l-applikazzjoni tiegħu għall-eżenzjoni tal-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni fuq il-vettura tiegħu (Audi A4 471 – NMM484GP) ma setgħetx tintlaqa' *ai termini* tar-regolament 4(3)(a) tal-Avviż Legali 440 tas-sena 2013.

3. Fit-18 ta' Awwissu 2016[2], Sanders appella minn tali deċiżjoni quddiem it-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva, fejn talab lit-Tribunal jirrevoka d-deċiżjoni tad-29 ta' Lulju 2016, u konsegwentement jordna lill-Ministeru Għall-

[1] Dok A, fol 12.
[2] Fol 1 et seq.

Finanzi jagħtih l-eżenzjoni kontemplata fl-Artikolu 19 tal-Kap 368 sabiex b'hekk il-vettura tiġi eżentata mill-ħlas tar-reġistrazzjoni.

4. Fit-28 ta' Marzu 2017[3], it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva laqa' l-eċċezzjonijiet tal-Ministeru għall-Finanzi u caħad l-appell ta' Sanders.

5. Fis-17 ta' April 2017 Sanders appella mis-setenza fejn talab lil din il-qorti sabiex tħassarha u tiċħad l-eċċezzjonijiet *in toto* u tilqa' t-talba tiegħu.

**L-aggravji tal-appellant Sanders:**

6. L-aggravji huma:

(i) Fl-ewwel lok jaċċenna għall-fatt illi fl-applikazzjoni għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni, id-data ndikata bħala d-data li fiha ttrasferixxa r-residenza tiegħu għal Malta tniżżlet erronjament minn ommu bħala d-data tat-12 ta' Ġunju 2015 minflok id-29 ta' April 2016, u għalhekk ġie li skont l-istess applikazzjoni, il-vettura in kwistjoni (li huwa kien xtara fit-30 ta' Lulju 2013) ma kinitx ilha reġistrata fuq ismu għal żmien ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar qabel it-trasferiment tar-residenza tiegħu f' Malta, kif huwa rikjest mil-liġi sabiex dak li jkun jiġi eżentat mit-taxxa tar-reġistrazzjoni.

Jispjega li l-Bord m'għandux il-prassi li jagħmel intervisti sabiex jikkjarifika ċertu punti, u għalhekk jargumenta illi meta jkun hemm "*żball ġenwin*" fl-applikazzjoni (kif jallega li kien il-każ) l-unika triq li tibqa' hi li dak li jkun jappella mid-deċiżjoni tal-Bord. Jenfasizza l-fatt li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva huwa munit bil-poter li anke jagħmel reviżjoni fuq punt ta' fatt (Art. 7(1) tal-Kap 490).

Jilmenta bil-fatt illi t-Tribunal ikkummenta (għal darba darbtejn) illi huwa

[3] Fol 109 et seq.

ma pproduċa l-ebda dokument li juri li d-data tat-12 ta' Ġunju 2015 tniżżlet bi żball u li allura l-Bord ma kellu l-ebda tort jiddeċiedi kif iddeċieda. Huwa ħassu aggravat bil-fatt li t-Tribunal ma qiesx il-provi li huwa ressaq quddiemu[4] u li kkunsidra biss il-provi li huwa ressaq quddiem il-Bord.

*It-tieni aggravju:*

(ii) Fit-tieni lok jilmenta illi t-Tribunal ma kkunsidrax id-distinzjoni "*enormi*" bejn dak li titlob il-liġi u dak li titlob l-applikazzjoni. Jaċċenna għall-fatt illi filwaqt li l-liġi tirrikjedi li l-vettura tkun ilha mill-inqas 24 xahar reġistrata fuq isem l-applikant qabel ma "*jittrasferixxi*" r-residenza normali tiegħu, l-applikazzjoni titlob li jiġi ndikat meta l-applikant ikun "*ħa*" r-residenza f'Malta. Jaċċenna għall-fatt illi l-importanza tas-sinifikat tal-kelma "*trasferiment*" toħroġ anke mill-fatt li l-leġislatur għażel li jinkludi t-tifsira fis-sezzjoni tal-interpretazzjoni, Regolament 2 tal-Liġi Sussidjarja Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-mutur (L.S.368.01)

7. Fil-5 ta' Mejju 2017 il-Ministru tal-Finanzi wieġeb biex jgħid illi d-deċiżjoni appellata hija ġusta u korretta u għalhekk timmerita konferma minn din il-qorti.

**L-applikazzjoni ta' Ryan Norman Sanders għall-eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni fuq il-vettura tiegħu:**

8. Ir-regolament 4(3)(a) tal-Avviż Legali 440 tas-sena 2013 jirrikjedi li sabiex vettura tkun tista' tikkwalifika għall-eżenzjoni taħt is-subartikolu (1):

[4] • id-depożizzjoni tiegħu u ta' ommu fejn stqarrew li huwa fil-fatt ittasferixxa r-residenza tiegħu ferm wara d-data tal-applikazzjoni; • il-biljett tal-ajru li jikkorrobora id-depożizzjoni tiegħu; u • x-xiehda ta' Andrew Buttigieg (uffiċjal tad-Dwana) li kkonferma li huwa kien niżżel biss container wieħed li deher fis-s-sistema tad-Dwana biss f' Ġunju 2016.

*"hija trid tkun ilha reġistrata f' isem l-individwu li jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu għal perjodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu għal Malta u tkun għadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi mpurtata jew miġjuba f' Malta."*

9. Sanders (li kien residenti fl-Afrika t'Isfel) iddeċieda li jiġi jgħix Malta u ried iġib miegħu l-vettura Audi A4 471. Sabiex huwa jibbenefika mill-eżenzjoni tat-taxxa tar-reġistrazzjoni **fis-16 ta' Mejju 2016** huwa ffirma l-formola relattiva (il-FORM VEH 07)[5] li waslet għand il-Ministeru għall-Finanzi fis-6 ta' Ġunju 2016.

10. Fuq l-ewwel paġna tal-formola, taħt l-intestatura "*"Information on applicability*", u senjatament fl-ewwel paragrafu, hemm indikat b'tipa skura s-segwenti:

"*Applicants should read all the information on applicability and eligibility regarding the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rules, which is found under Sub Legislation 368.01, as amended by Legal Notice 440 of 2013 of the Laws of Malta. For further detailed verifications one may also refer to the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Chapter 368 of the Laws of Malta) and the regulations governing the registration of vehicles in Malta, namely Sub Legislation 368.02."*

11. Fuq l-istess paġna tidher ukoll definizzjoni tal-frazi "*transfer of residence*" u cioe':

*"the actual transfer of the normal residence of a person from a place outside Malta to a place in Malta."*

12. Fuq din il-formola Sanders *inter alia* ddikjara illi:

- Id-"*Date of arrival (prior to taking up residence) in Malta*" kienet **is-27 ta' Settembru 2013**. Huwa fil-parenteżi ndika li kien dam ġimgħatejn.
- Id-"*Date of taking up residence in Malta*" kienet **it-12 ta' Ġunju 2015**.
- Id-"*Date when vehicle was acquired by applicant*" kienet **it-30 ta' Lulju 2013**.

13. Flimkien ma' din l-applikazzjoni huwa ppreżenta kopji tas-"*supporting documents*" relattivi:

[5] Applikazzjoni ta' Sanders għall-eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni: fol 14-16.

- Formola tad-Dwana[6] ntitolata "*Bringing your personal belongings to Malta from outside the European Community*" li huwa mela fit-23 ta' Mejju 2016. Fuq dan id-dokument huwa ndika d-"*Date of your arrival in Malta*" bħala t-12 ta' Ġunju 2015. Huwa ndika li kien ilu joqgħod fl-Afrika t'Isfel "*Since birth until mid-2015*". Bħala "*date of moving*" reġa' indika t-12 ta' Ġunju 2015. Bħala "*Total number of packages containing your belongings*" huwa ndika li kien ser idaħħal tliet kaxxi "*small + loose items*".

- Formola tan-National Statistics Office[7] intitolata "*Persons Settling in Malta*". Bħala data tat-twelid niżżel is-16 ta' Lulju 1980, u bħala "*Length of stay abroad*" huwa niżżel "35 years". **Bħala "*Date of arrival in Malta*" huwa ndika t-12 ta' Ġunju 2015**.

- Formola tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni[8] intitolata "Taxpayer Registration Information". Minn din il-formola jirriżulta li r-"*Registration Date*" hija 18 ta' Ġunju 2015.

- Ċertifikat ta' reġistrazzjoni[9] (maħruġ mill-Afrika t' Isfel) li jindika li l-vettura in kwistjoni ġiet irreġistrata fuq Sanders fil-11 ta' Novembru 2013.

- Riċevuta ta' ħlas tal-liċenża[10] (maħruġa mill-Afrika t' Isfel) li turi li l-vettura kellha l-liċenzja mħallsa sal-31 ta' Jannar 2017.

- Paġna mill-passaport ta' Ryan Norman Sanders[11] li jindika li d-data tat-twelid tiegħu hija s-16 ta' Lulju 1980 u li għandu ċittadinanza Maltija.

- Ittra tal-kumpanija Hawk Graphics SA[12] datata 13 ta' Marzu 2016 u ntitolata "*To whom it may concern*", li permezz tagħha ċertu David Chikwamba iddikjara li Ryan Norman Sanders kien impjegat mas-soċjeta' **mill-1 ta' April 2013 sat-30 ta' Mejju 2015**.

- Dokument ta' TS Container Agencies Ltd[13] datat 27 ta' Mejju 2016 intitolat "*Notice of Arrival*", ossia avviż, li kien wasal Malta il-*container* TCKU2659148 bil-vettura u wkoll b'sittax-il kaxxa "*containing clothing, household and personal effects, other loose, camping, outdoor equipment and motor vehicle spare parts.*" Il-*container* kien inġarr bil-vapur Safmarine Benguela.

---

[6] Formola tad-Dwana, fol 17-19.
[7] Formola tan-National Statistics Office, fol 20.
[8] Formola tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, fol 21.
[9] Ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura fol 24.
[10] Riċevuta ta' ħlas tal-liċenzja, fol 22-23.
[11] Passaport, fol 25.
[12] Ittra tas-soċjeta` Hawk Graphics SA, fol 27.
[13] Dokument ta' TS Container Agencies Ltd fol 28.

- Affidavit ta' Mr J A Baillie u Mrs L Baillie[14] datat 16 t'a Marzu 2016 li permezz tiegħu xehdu illi Norman Ryan Sanders huwa n-neputi tagħhom u li kien mar joqgħod magħhom meta l-ġenituri tiegħu (Glen u Monica Sanders) telqu mill-Afrika t'Isfel f'Ġunju 2014 biex marru joqgħodu Malta. Qalu li "*Ryan stayed with us **until June 2015**…. until he too left for Malta to join his parents as his mother Monica had been diagnosed with cancer.*"

**Provi li ressaq Sanders fil-proċeduri quddiem it-Tribunal biex juri li huwa ttrasferixxa r-residenza tiegħu għal Malta fid-29 ta' April 2016 u mhux fit-12 ta' Ġunju 2015:**

14. Fil-proċeduri quddiem it-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva, Sanders ressaq provi bil-għan li juri li effettivament ittrasferixxa r-residenza tiegħu f'Malta fid-29 ta' April 2016, u li għalhekk ladarba l-vettura in kwistjoni kienet ilha reġistrata fuq ismu mill-11 ta' Novembru 2013, jiġi li l-vettura kienet ilha reġistrata fuq ismu iktar minn 24 xahar qabel ma ttrasferixxa r-residenza tiegħu għal Malta, u konsegwentement jiġi li jikkwalifika għall-eżenzjoni.

15. Huwa pproduċa x-xiehda ta' Andrew Buttigieg mid-Dwana, ta' ommu Monica Sanders, u tiegħu stess. Din il-qorti eżaminat d-depożizzjonijiet tagħhom u wkoll tad-dokumenti relattivi ppreżentati minnhom.

    (i) Andrew Buttigieg (uffiċjal tad-Dwana) fix-xiehda tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2016[15] ikkonferma illi Ryan Norman Sanders ġab *container* wieħed bin-numru TCKU2659148 li ġie rrilaxxat mid-Dwana fl-10 ta' Ġunju 2016. Huwa ppreżenta dokumenti relattivi għall-importazzjoni tal-oġġetti li waslu bl-imsemmi *container,* liema dokumenti ġew immarkati Dok AB1 sa AB11[16]. Jirriżulta li fuq dan il-*container* twasslu l-vettura Audi mertu ta' dan il-każ, kif ukoll xi oġġetti oħra (bħal ħwejjeġ, għodda, pitturi, eċċetra).

[14] Affidavit tas-sinjuri Baillie, fol 29.
[15] Xiehda ta' Andrew Buttigieg tat-2 ta' Diċembru 2016, fol 54-56
[16] Dok AB1 u Dok AB11, fol 57-71

- Din il-qorti tagħmel riferenza partikolari għal Dok AB9 li hija dikjarazzjoni ta' Sanders (bla data) li b'referenza għall-konsenja li ta oġġetti personali li ġab Malta flimkien mal-vettura qal hekk:

  *"I have been arranging for the shipping of my car from S Africa to Malta for the past several months.*

  *I flew to S Africa last month to see that everything had been done and then I was told that there was some space in the container for my personal effects. The paperwork for the consignment had already been prepared due to the complexity of permits etc for the car so the shipper included the items and I have here a detailed list of contents.*

  *…*

  *NB I was born in SA but I am a returning Maltese citizen and have all the documentation together with the car documentation."*

(ii) Monica Sanders (omm l-appellant) fix-xiehda tagħha tat-2 ta' Diċembru 2016[17] spjegat li hi u żewġha telqu mill-Afrika t' Isfel u ġew joqgħodu Malta f'Ġunju 2014. Qalet li madwar sena wara skopriet li kellha kanċer. Qalet li għalhekk binha (l-appellant) ġie Malta u baqa' ftit hawn iżda mar lura. Qalet li mar diversi drabi lura u anke mar fl-Istati Uniti għax kellu dubji setax isib xogħol Malta:

*"Ryan continued commuting because my treatment continued until early this year….he went several times back… he was attacked, we've all been attacked and as a mother I begged him to come and stay which he then said he would do. He went back and finaly packed up his goods, his car, which means the world to him….I did all the paperwork….I did everything and have asked him to sign it because he was busy."*

Spjegat li niżżlet id-data tat-12 ta' Ġunju 2015 bħala d-data li fiha l-appellant ittrasferixxa r-residenza għal Malta, għaliex dik kienet id-data li fiha ġie l-ewwel darba jżurhom. Hija sostniet li huwa kien effettivament ittrasferixxa r-residenza tiegħu għal Malta proprju fid-29 ta' April 2016. Hija ppreżentat Dok MS1 u MS2[18].

- Dok MS1 hija ittra datata 29 ta' Novembru 2016, intitolata "*To whom it may concern*", maħruġa mit-tabib tal-familja tagħha, Dr John Xuereb

[17] Xiehda ta' Monica Sanders tat-2 ta' Diċembru 2016, fol 72-76.
[18] Dok MS1 u MS2, fol 77 u 78.

Dingli fejn iċċertifika illi bejn Ġunju 2015 sa nofs is-sena 2016 kienet qed tieħu trattament għall-kanċer. Dwar l-appellant qal hekk:

*"Her son Ryan decided to come to Malta from South Africa initially for a short period but later the family decided to ask him to stay here permanently because of continuing violence in South Africa.*

*He was able to move to Malta in April 2016."*

- Dok MS2 hija ittra datata 30 ta' Novembru 2016, intitolata "*To whom it may concern*", maħruġa minn David Chikwamba mis-soċjeta` Hawk Graphics SA. B'referenza għall-ittra li kien diġa kiteb fit-13 ta' Marzu 2016 fejn kien qal li l-appellant kien impjegat mal-kumpanija mill-1 ta' April 2013 sat-30 ta' Mejju 2015, ippreċiża f' dak il-perjodu kien jaħdem fuq bażi *full time* imbagħad minn Ġunju 2015 beda jaħdem fuq bażi *part-time*, u li huwa "*finally closed all business ties in April 2016.*"

(iii) Ryan Norman Sanders fix-xiehda tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2016[19] spjega li huwa ffissat fil-karozzi u saħansitra tul ħajtu, "*I've owned twenty eight cars*". Qal li nefaq ħafna minn flusu fil-karozzi u l-vettura in kwistjoni hija l-favorita tiegħu:

*"I've even left three other cars in South Africa, which I still own but made a choice to not bring as I chose my favourite …what I spend my money on is vehicles and there was one car in particular my RS4 Audi which had taken me my whole life to afford a car like that. And I just wasn't prepared to leave certain things behind."*

Spjega li kienet ommu li mliet l-applikazzjoni għall-eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni. Mistoqsi għaliex niżżlet id-data tat-12 ta' Ġunju 2015 qal "*that was probably the first date I actually came to Malta*". Enfasizza li kien fid-29 ta' April 2016 li huwa effettivament ittrasferixxa r-residenza. Huwa esebixxa żewġ *boarding passes* tal-linja tal-ajru *Turkish Airlines* li fuqhom hemm indikat li fit-28/29 ta' April (sena mhux indikata) kien qed jivvjaġġa minn Johannesburg għal Malta. Dawn ġew immarkati Dok RS1 u RS2[20]. Qal li kien proprju dak iż-żmien meta "*I came to live permanently in Malta*". Qal li bejn it-12 ta' Ġunju 2015 u d-29 ta' April 2016 waqt li kien Malta "*I would use that opportunity to go to the States to see if I*

[19] Xiehda ta' Ryan Norman Sanders tat-2 ta' Dicembru 2016, fol 79-84.
[20] Boarding passes, involokru a fol 85.

*wanted to live there, and also go to London. I also went to London five times just to see….I just hate London*." Enfasizza li f' dak il-perjodu kien joqgħod mal-ġenituri tiegħu "*making decisions on what to do*" u li "*I still had everything in South Africa….I still had a job, I still had a whole life there".* Mistoqsi għaliex allura ffirma l-applikazzjoni fejn ġie ndikat li huwa invece ttrasferixxa r-residenza tiegħu fit-12 ta' Ġunju 2015, wieġeb li kien ħalla f'idejn ommu u sempliċiment iffirma dak li mliet hi: "*Yes, I had seen it when I signed it, but I don't really read through. I trust my mother."*

Waqt il-kontro-eżami[21] tiegħu, mistoqsi b'referenza għad-dokument Dok MS2, jekk huwa ħadimx għall-kumpanija Hawk Graphics SA waqt li kien diġa Malta, irrisponda fl-affermattiv; spjega li għalkemm waqt li kien diġa Malta ma kienx impjegat ma' tali kumpanija biex jagħmel xogħol b'"*remote access*", kien ġieli jibgħat xi xogħol. Spjega li dawn kienu jkunu tasks: "*This is strictly a task, start to completion*".

**<u>Provi li ressaq Sanders fil-proċeduri quddiem it-Tribunal biex juri li hemm differenza bejn "*transferring*" u "*taking up residence*" u li l-membri tal-Bord ma japprezzawx tali differenza:</u>**

16. Fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, Sanders tella' bħala xhud lil <u>Francis Attard</u>, li huwa *chairman* li jmexxi l-Bord fl-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet ta' persuni li jkunu ttrasferew ir-residenza tagħhom minn barra minn Malta għal Malta, u li jkunu qed idaħħlu l-vettura tagħhom fil-pajjiż.

17. Fix-xiehda tiegħu tat-3 ta' Frar 2017[22], u fir-rigward tal-applikazzjoni ta' Sanders għall-eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni, <u>Francis Attard</u> aċċenna għall-fatt li fost affarijiet oħra, Sanders iddikjara li kien ittrasferixxa r-residenza tiegħu fit-12 ta' Ġunju 2015 u li kien akkwista l-vettura in kwistjoni fit-30 ta' Lulju 2013 u li allura ma kienx jissodisfa r-rekwiżit tal-Artikolu 4(3) tal-Avviż Legali 440, illi l-

[21] Kontro-eżami ta' Ryan Norman Sanders, fol 91-92
[22] Xiehda ta' Francis Attard tat-3 ta' Frar 2017, fol 88-90

vettura kienet ilha reġistrata f' ismu għal 24 xahar. Spjega li l-Bord dejjem jimxi fuq dak li jkun iddikjara l-applikant.

18. Kontro-eżaminat ġie ndikat lilu illi l-Artikolu 4(3)(a) jitkellem dwar "*...the individual transferring his normal residence*", filwaqt li fuq l-applikazzjoni l-individwu huwa mitlub jimla l-kaxxa li taqra "*Date of taking up residence*". Mistoqsi jekk jarax li hemm differenza bejn il-kliem "*transferring residence*" u "*taking up residence*", wieġeb fin-negattiv. Mistoqsi jekk hu u l-membri tal-Bord humiex nies legali, wieġeb fin-negattiv.

**Konsiderazzjoni.**

19. Fl-ewwel lok għandu jingħad illi rrispettivament minn jekk id-data tat-12 ta' Ġunju 2015 indikata fuq l-applikazzjoni bħala d-data li fiha Sanders kien ittrasferixxa n-"*normal residence*" tiegħu mill-Afrika t'Isfel għal Malta tniżżlitx erronjament jew le, id-dokumenti annessi mal-imsemmija applikazzjoni kollha jindikaw illi huwa kien effettivament ittrasferixxa r-residenza normali tiegħu għal Malta f' tali data.

20. Tant hu hekk illi sitt ijiem biss wara, u cioe' **fit-18 ta' Ġunju 2015** kien mar jirreġistra ruħu bħala "*taxpayer*" mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni. L-ittra tal-kumpanija fl-Afrika t'Isfel li kien impjegat magħha kkonfermat illi Sanders "***was***[23] *our employee*" sat-30 ta' Mejju 2015. Iz-zijiet tiegħu fl-Afrika t'Isfel li kien għamel sena jgħix magħhom wara li l-ġenituri tiegħu telqu biex jgħixu f' Malta f'Ġunju 2014, ukoll ikkonfermaw illi f' Ġunju 2015 kien telaq mill-Afrika t' Isfel sabiex jgħix mal-ġenituri tiegħu f'Malta. Il-formola tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-iStatistika li huwa mela, tindika li kien "*returned migrant of Maltese origin*" li kien persuna "*settling in Malta*" fit-12 ta' Ġunju 2015. Anke fid-dokument tad-Dwana tat-23 ta' Mejju 2016 iddikjara li kien ittrasferixxa ruħu f' Malta sena qabel, fit-12 ta' Ġunju 2015.

[23] enfasi ta' din il-qorti

21. Għaldaqstant (ladarba huwa ddikjara li kien akkwista l-vettura in kwistjoni fit-30 ta' Lulju 2013) ma kinux għaddew 24 xahar bejn tali data u d-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu f' Malta, u allura kellu kull raġun il-Bord li abbażi tad-dikjarazzjoni tiegħu fuq l-applikazzjoni, u tas-"*supporting documents*" annessi magħha, jikkonkludi li ma' Sanders ma kienx jissodisfa r-rekwiżiti biex ikun eżenti mit-taxxa tar-reġistrazzjoni.

22. Anzi, għandu jiġi ppreċiżat illi l-liġi tirrikjedi li jkunu għaddew 24 xahar minn meta l-vettura tkun ġiet reġistrata fuqu, u skont id-dokument li ppreżenta jidher illi l-vettura ġiet irreġistrata fuq ismu fil-11 ta' Novembru 2013 (u mhux fit-30 ta' Lulju 2013)[24].

23. Wara li l-applikazzjoni tiegħu għall-eżenzjoni mit-taxxa ġiet rifjutata, l-appellant ħareġ bit-teżi li d-data tat-12 ta' Ġunju 2015 kienet ġiet imniżżla fuq l-applikazzjoni erronjament u għalhekk appella quddiem ir-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u ppreżenta l-provi tiegħu sabiex juri li fil-fatt id-data li kellha titniżżel kienet effettivament dik tad-29 ta' April 2016 għaliex skont hi kien f' dik id-data li huwa "*came permanently to live in Malta".*

24. Din il-qorti fliet bir-reqqa l-provi li huwa ressaq quddiem it-Tribunal iżda fil-fehma tagħha dawn ma jippruvawx illi Sanders ittrasferixxa r-residenza tiegħu fid-29 ta' April 2016.

25. Għalkemm ma teskludix li bejn it-12 ta' Ġunju 2015 u d-29 ta' April 2016 seta' kien hemm mumenti meta kien indeċiż jekk jibqax Malta jew imurx invece jaħdem ir-Renju Unit jew l-Istati Uniti, jibqa' l-fatt li r-residenza normali tiegħu f'dak iż-żmien diġa kienet Malta. Tant hu hekk illi kien telaq mill-impieg tiegħu fl-Afrika t'isfel fl-aħħar ta' Mejju 2015, u rreġistra ruħu bħala "*returned migrant*" f'Malta u anke bħala "*taxpayer"* f' Malta f' Ġunju 2015. Il-fatt li f'dak il-perjodu seta' kien qed ifittex opportunitajiet ta' xogħol barra minn Malta ma jnaqqas xejn mill-fatt li kien laħaq għamel Malta l-bażi tiegħu, ir-residenza tiegħu.

---

[24] Fol. 63.

26. Ta' rilevanza partikolari huwa d-dokument Dok AB9 esebit minn Andrew Buttigieg (l-uffiċjal tad-Dwana). Għalkemm dan id-dokument, li sar minn Sanders, m'ghandux data, jidher li sar minnu f' Mejju/Ġunju 2016 fiż-żmien meta wasal il-*container* bil-vettura tiegħu u xi effetti personali tiegħu mill-Afrika t' Isfel. Fuq dan id-dokument jispjega illi kien ilu diversi xhur "*arranging for the shipping of my car from S Africa to Malta*". Qal ukoll illi "*I flew to S Africa last month to see that everything had been done….*" Jidher li allura kien qed jirreferi għal dak il-vjaġġ partikolari li tiegħu kien esebixxa l-*boarding passes* datati 28/29 ta' April, li għalkemm is-sena mhix indikata fuqhom, il-probabbilta' kbira hi li kienet is-sena 2016. Probabbilment ir-raġuni għalfejn kien fl-Afrika t'Isfel fil-perjodu ta' April 2016 kien sempliċiment biex jieħu ħsieb il-burokrazija nvoluta sabiex iġib il-vettura favorita tiegħu lejn Malta, u peress li waqt li kien hemm kien ġie nfurmat li kien hemm spazju fil-*container*, kien ħa l-opportunita' biex iġib ukoll xi ħwejjeġ u oġġetti li kien għad kellu fl-Afrika t'Isfel, u li kien ħalla warajh meta ġie jirrisjedi Malta f' Ġunju 2015.

27. It-tieni ittra ta' David Chikwamba mill-kumpanija Hawk Graphics SA, datata 30 ta' Novembru 2016 fejn jingħad li f' Ġunju 2016 Sanders qaleb minn impieg *full-time* għall-impieg *part-time*, xejn ma hija konvinċenti, speċjalment fid-dawl tal-ewwel ittra datata 13 ta' Marzu 2016 intiża bħala "*Confirmation of employment of Ryan Sanders*", ossia ukoll bħala ittra ta' rakkomandazzjoni, fejn jingħad illi kien impjegat bejn l-1 ta' April 2013 u t-30 ta' Mejju 2015. Din il-qorti tistaqsi, jekk verament biddel l-impieg minn *full-time* għal *part-time* f' Ġunju 2015 għaliex dan ma ntqalx fl-ewwel ittra, anzi ntqal li Sanders "*was*" impjegat magħhom?

28. Daqstant ieħor ma tantx hija konvinċenti l-ittra tat-tabib tal-familja Dr John Xuereb Dingli datata 29 ta' Novembru 2016.

29. Dawn il-persuni jidhru li ġew avviċinati mill-appellant wara li rrealizza li l-applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda minħabba li d-data ndikata fuq l-applikazzjoni bħala d-data tar-residenza tiegħu (12 ta' Ġunju 2015) kienet qed taħdem kontrih għaliex sa tali data ma kinux għadhom għaddew l-erbgha u ghoxrin

xahar rikjesti mil-liġi sabiex jikkwalifika għall-eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni, u wara li kien fetaħ il-proċeduri ta' appell quddiem it-Tribunal. Il-qorti tqis li komplessivament l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal hu korrett u zgur li mhemmx raguni gravi li tista' twassal lil din il-qorti li tikkonkludi li t-Tribunal qatt ma seta' jiddeciedi bil-mod kif iddecieda.

30. Dwar l-allegata distinzjoni bejn il-kliem "*tittrasferixxi*" u "*tieħu*" r-residenza, dan m'hu xejn għajr logħob bil-kliem u tentattiv fjakk għall-aħħar da parti tal-appellant biex jiġġustifika l-allegazzjoni tiegħu li d-data ndikata fuq l-applikazzjoni tniżżlet erronjament minħabba xi diskrepanza bejn dak li tipprovdi l-liġi u dak li tipprovdi l-applikazzjoni. Kif aċċennat din il-qorti *supra,* fuq l-applikazzjoni hemm indikat b'inka skura illi l-applikant huwa mistenni li jkun qara l-provvedimenti tal-liġi rilevanti u għalhekk mhux il-każ li jiġi argumentat illi l-applikazzjoni tista' possibilment tiżgwida lil dak li jkun milli jifhem x' inhuma r-rekwiżiti. Di piu' għalkemm fuq waħda mill-kaxxi li jrid jimla l-applikant hemm mitlub "*Date of taking up residence in Malta*" fuq l-istess applikazzjoni huwa spjegat ċar illi "*transfer of residence*" tfisser "*the actual transfer of the normal residence of a person from a place outside Malta to a place in Malta*". Għaldaqstant anke fl-applikazzjoni stess il-kliem "*taking up residence*" u *"transfer of residence"* huma wżati bla distinzjoni (*interchangeably*).

**Għal dawn il-motivi din il-qorti tiċħad l-appell interpost minn Ryan Norman Sanders u tikkonferma d-deċiżjoni tat-Tribunal. L-ispejjeż huma a karigu tal-appellant Sanders.**

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur